Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

ID-DISA' LEĠISLATURA 2024- Kontinwazzjoni

SEDUTA NUMRU 23

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2025 fl-16.20.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 23.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Viċi Sindku

23.1.1 Huwa nforma li l-problema ta' *leakage* tal-ilma għadha l-istess minn Porto Flats fi Triq is-Sirk u għalhekk issuġerixxa li jerġa' jingbagħat imejl lil amministratturi sabiex jkunu infurmati. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li fl-imejl għandu jkun indikat li f'każ li dan l-ilma bis-sapun jikkawża xi
aċċidenti, is-sidien se jkunu qed jinżammu responsabli. Is-SE se tkun qed tibgħat din il-korrispondenza.

23.1.2 Rigward l-implimentazzjoni fit-tibdil tal-immaniġjar tat-traffiku fi Triq il-Marbat k/m Triq is-Swieqi, hu ssuġerixxa sabiex jekk hu possibli ssir CCTV Camera sabiex dawk li jduru lejn il-mini jiġu mħarrka mal-ewwel. Is-Sindku nforma li jidher li dan it-tibdil intlaqa' sew minn ċertu residenti imma jidher li hemm ukoll min iħoss li din ma kinitx bżonnjuża. Jidher wkoll li kemm il-Pulizija kif ukoll LESA qed jkunu f'din iż-żona sabiex iħarrku lil dawk is-sewwieqa li ma jsegwux dan it-tibdil. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li nistaqsu LESA dwar il-possibilta' ta' *camera*.

23.1.3 Hu staqsa jekk il-Kunsill ġiex avviċinat biex jkun parti mill-iskema li tnediet riċentament fejn qed jiġi offrut servizz speċjali għar-residenti anzjani. Dan is-servizz qed jiġi offrut mill-BCRS, fejn dawn jiġbru flixken tal-plastik mir-residenzi stess u għalhekk l-anzjani ma jkollhomx għalfejn jitgħabbew u joqgħdou jiġru fix-xemx bil-flixken. Is-SE infurmat li le u li se tkun qed isaqsi hemmx xi pjan meta Swieqi se jiġi inkluż.

23.1.4 Il-Viċi Sindku nforma li fi Triq it-Terz k/m Triq G.Bessiera hemm siġra miżrugħa ġo Parapett li jista' jkun li qed tikawża ħsarat estensivi fil-bankina. Is-SE infurmat li se tkun qed tgħaddi dan l-ilment lil Perit tal-Kunsill.

23.1.5 Jidher li fi Triq il-Ħawt fil-passat kien hemm dar partikolari li kellha sinjali sofor quddiemha,alavolja m'hemm l-ebda garage. Huwa talab sabiex jekk dan hu l-każ, peress li issa din it-triq ingħatat it-tarmak, u dawn is-sinjali mhux qegħdin b'mod legali m'għandhomx jerġgħu jsiru. Is-SE infurmat li din il-problema ilha snin u s-sid jallega li jdaħħal il-vettura tiegħu fil-parapett. Għaldaqstant, se jkun qed jintalab il-parir ta' TM.

23.1.6 Rigward il-proposta' sabiex Triq l-Għajn ma tibqax one-way, il-Viċi Sindku reġa' ssostna li hemm diversi residenti li jriduha. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li din il-materja terġa' diskussa fis-seduti li jmiss.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**23.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Viċi Sindku – ikompli

23.1.7 Rigward l-Appell b'referenza **PAB 162/25** fi Triq il-Modd, il-Viċi Sindku staqsa x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din il-materja. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jittieħed vot.

Favur li l-Kunsill jkun parti minn dan l-Appell:
Noel Muscat – Sindku
Teresa Valentino
Anna Pisani

Kontra li l-Kunsill jkun parti minn dan l-Appell:
Perit Edgar Rossignaud
Maryanne Abela
Dr. Miguel Balzan
Jordan Galea Pace – Viċi Sindu

*Abstentaions*:
Rowena Scicluna
Lucia Vassallo

Mill-Kunsillier A.Pisani

23.1.8 Il-Kunsillier infurmat li kumpanija privata li joffru sezzjonijiet ta' training għat-tfal, interessata li toffri dawn is-sezzjonijiet mis-sala tal-Kunsill bejn Ottubru 2025 u Ġunju 2026 ( kull nhar ta' Ġimgħa- 28 sezzjoni). Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsill jipproponi li din il-kumpanija tħallas €50 għal kull sezzjoni li ssir biex b'hekk il-Kunsill jkun qed jiġġenera dħul ieħor. Kien hemm qbil unanim. Is-SE se tkun qed tipprepara kuntratt sabiex qabel ma jintbagħat lil dil-kumpanija jintbagħat lil kull Kunsillier.

23.1.9 Hija nfurmat li fi Triq il-Modd hemm drive-in mimli ħmieġ u jidher li l-post hu abbandunat u xtaqet tistaqsi jekk hux possibli li dan jitnaddaf. Is-SE infurmat li jekk dan drive-in huwa privat, jista' biss jsir kuntatt ma' tas-Sanita minn naħa tagħna.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 23.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier L. Vassallo

23.1.10 Il-Kunsillier ipproponiet li ssir safra għal ġurnata Sqallija. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li minħabba sħana, jkun jaqbel jekk din issir lejn Ottubru. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Hija se tkun qed tiċċekja dwar il-prezzijiet u x'postijiet jistgħu jżuru.

23.1.11 Hija staqsiet x'inhi sitwazzjoni ta' taraġ li inbena riċentament bejn Triq il-Ġiżimin u Triq Josef Kalleya. Is-Sindku nforma li għalkemm dan inbena, jekk kemm-il darba PA tapprova PC67/22, dan jkollu jitneħħa. Bħalissa qed nistennew li l-Perit tal-Kunsill jissotometti l-applikazzja LA2 lil LANDS sabiex nkunu niffanilizzaw dan il-proċess.

Mill-Kunsillier R.Scicluna

23.1.12 Il-Kunsillier issuġeriet li tibda' ssir sezzjoni ta' *Scrabble* għall-adulti. Wara diskuzzjoni,ġie deċiż li din tibda' ssir kull nhar ta'Ħamis wara nofs in-nhar. Is-SE infurmat li m'għandhiex tkun problema jekk kemm-il darba hemm min se jkun qed jiftaħ u jagħlaq.

23.1.13 Hija ssuġeriet li ssir vending machine fil-ġnien ta' fejn il-Kunsill. Wara diskuzzjoni,ġie deċiż li jekk kemm-il darba hemm xi *vendors* li huma intressati, jistgħu javviċinawna bil-proposti tagħhom.

Mill-Kunsillier M.Abela

23.1.14 Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-kor ta' tfal. Is-SE infurmat li sa issa għad m'għandniex risposta minn naħa ta' tutor.

23.1.15 Hija nfurmat li fi 18 ta'Lulju, se ssir laqgħa mal-Perit Conti dwar is-sitwazzjoni ta' Triq il-Prekursur, Madliena. Għal din il-laqgħa se jkun hemm preżenti s-Sindku.

23.1.16 Rigward il-bankinjiet fil-belvedere tal-Madliena, infurmat li dawn twaħħlu. Is-SE infurmat li dawn kienu ffinanzjati mill-MTA.

23.1.17 Hija staqsiet sabiex jekk jista' jkun jinqata' l-ħaxix niexef minn Triq l-Ortenzja/Tari. Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lill-kuntrattur ikkonċernat.

23.1.18 Il-Kunsillier staqsiet sabiex jekk hu possibli ssir pjanta bl-ismijiet ta'siġar li ġew miżrugħa wara Fort Madalena. Ġie deċiż li jiġi konsultat Dr. Grech. Flimkien mal-Kunsillier T.Valentino, ġie deċiż li jibdew il-preparamenti dwar skema biex ir-residenti jsaqqu siġra.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 23.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

23.1.19 Il-Kunsillier rrefera għall-un/loading bay fi hemm fi Triq l-Uqija, jidher li din mhix tintuża spiss u għalhekk jkun jaqbel jekk din tinbidel għal parkeġp normali abjad.

23.1.20 Hu nforma li parkeġġ ieħor li kien riservat fi Triq Passiflora, mhux jintuża u għaldaqstant jkun jaqbel jekk din jinbidel għal waħda bajda. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt mal-kuntrattur.

23.1.21 Rigward il-hoarding ta' siti ta' żvillup, il-Perit staqsa jekk hux possibli li ssir by-law. Is-SE infurmat li dwar din il-materja, il-BCA kienu ġa provdew il-leġislatura kif ukoll hemm konferma b'imejl li l-*boundary wall* irrid jibqa' hemm sakemm is-sit jkollu kollox.

Mill-Kunsillier T.Valentino

23.1.22 Il-Kunsillier issuġeriet sabiex la darba l-Kunsill għandu bżonn jiġġenera iktar dħul, staqsiet hux possibli li ċerti servizzi li bħalissa jingħataw b'xejn, jibdew isiru bi ħlas minimu. Il-Kunsillier E.Rossignaud issuġerixxa li servizz ta'bulky refuse jista' jsir bi ħlas. Is-SE infurmat li se ssaqsi DLG pero' dħul kollu tal-Kunsill irrid jkun irregolat b'by-law.

23.1.23 Hija staqiset jekk hux possibli li jiżdiedu l-ispazji tal-parkeġġ fi Triq tal-Ibraġ k/m Triq G.Lebrun peress li sinjal l-isfar jidher twil wisq. Is-SE infurmat li se tkun qed tċċekja dwar dan.

23.1.24 Il-Kunsillier infurmat li l-ħarġa Filfla kienet waħda ta' suċċess kbir u jidher li residenti ħadu gost. Kien hemm anke min wera l-interess biex din terġa' ssir. Hija rringrazzjat lil kull min ħadem biex din il-ħarġa kienet ta' suċċess bħal ħarġet l-oħra li saru fi xhur li għaddew.

23.1.25 Il-Kunsillier infurmat li fil-jiem li ġejjin se tkun qed tinbagħat ittra lil kull dar dwar Ġieħ is-Swieqi biex ninfurmaw li fetħu nominazzjonijiet. Hija ħeġġet lil kull Kunsillier biex ixerred il-kelma u jissottometti nominazzjoni tiegħu.

23.1.26 Hija nfurmat li b'kolloborazzjoni mal-FITA, il-Kunsill jista' joffri sezzjonijiet għall-għajnuna diġitali b'xejn lill-anzjani. Kien hemm qbil unanmi li dawn jiġu offruti fil-Kunsill.

Din is-seduta spiċċat fit-19.45 u s-Seduta li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju fl-16.30.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv